MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Avviz Numru. 328/2008

**Volksbank Malta Limited**

**vs**

**Derya Demir**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avvizipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Settembru 2008 permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' (USD12,728,85) fl-ekwivalenti euro, rapprezentanti in kwantu ghal hdax-il elf disa' mija u tnejn dollari Amerikani u erbatax-il centesmu (USD11,932.14) *capital* u in kwantu ghal seba' mija u sitta u disghin dollaru Amerikan u wiehed u sebghin centesmu (USD796.71) imghax fus l-istess somma sal-wiehed u tletin (31) t' Awwissu 2008, oltre l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv dovuti minnha fuq Loan Acount 400039, liema somma hija ghalkemm debitament interpellata f'diversi opkkazzjonijiet, naqset milli thallas.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittri ufficcjali prezentata ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta numru 1977/08.

Rat illi is-socjeta konvenuta kienet debitament notifikata bir-rikors in kwistjoni nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'Ottubru 2008 skond ir-riferta tal-Marixxal Crucifisso Briffa inserita fl-atti a fol 11.

Rat illi fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Dicembru 2008 il-konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici issib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda ghalhekk tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' USD12,728,85 ekwivalenti ghall-disat elef disgha mija disgha u hamsin euro (EUR 9.959) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------